REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/114

tat-28 ta' Jannar 2016

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (EU-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2017 tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li jikkonċernaw is-saħħa u s-saħħa tat-tfal

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien (EU-SILC), [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f), flimkien mal-Artikolu 15(1), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika tal-istatistika Ewropea dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet tal-għixien, sabiex jiġi żgurat li, fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Unjoni, ikun hemm disponibbli dejta komparabbli u aġġornata, kemm trasversali u longitudinali, dwar l-introjtu u dwar il-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.

(2) Skont l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, kull sena għandhom jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni biex jispeċifikaw l-oqsma u l-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira li għandhom jiġu inklużi f'dik is-sena fil-komponent trasversali tal-EU-SILC. Għaldaqstant għandhom jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira u l-identifikaturi tagħhom għall-modulu tal-2017 li jikkonċerna s-saħħa u s-saħħa tat-tfal.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista tal-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira u tal-identifikaturi għall-modulu tal-2017 li jikkonċernaw is-saħħa u s-saħħa tat-tfal, li hija parti mill-komponent trasversali tal-EU-SILC, għandha tiġi stipulata fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

[1] ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1.

ANNESS

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, huma applikabbli l-unitajiet, il-metodi ta' ġbir tad-dejta, il-perjodi ta' referenza u t-trażmissjoni tad-dejta li ġejjin:

1. **Unitajiet**

Il-fatturi varjabbli fil-mira jikkonċernaw tipi differenti ta' unitajiet:

L-informazzjoni dwar il-piż finanzjarju tapplika fil-livell tal-unità domestika u tirreferi għall-unità domestika kollha kemm hi;

L-informazzjoni dwar is-saħħa għandha tingħata għal kull membru attwali li jgħix fl-unità domestika, jew, jekk ikun applikabbli, għall-membri kollha tal-unità domestika magħżula biex iwieġbu ta' 16-il sena jew akbar;

L-informazzjoni dwar is-saħħa ġenerali u l-limitazzjoni ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet minħabba problemi ta' saħħa għandha tingħata għat-tfal kollha ta' bejn 0 u 15-il sena;

L-informazzjoni fir-rigward ta' eżamijiet jew trattamenti mediċi jew dentali li kienu meħtieġa għat-tfal u li iżda ma sarux tapplika fil-livell tal-unità domestika u tirreferi għat-tfal kollha ta' bejn 0 u 15-il sena li jgħixu fl-unità domestika kollha kemm hi;

L-età tirreferi għall-età fiż-żmien tal-intervista.

2. **Metodi ta' ġbir tad-dejta**

Għall-fatturi varjabbli li japplikaw fil-livell tal-unità domestika, il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-persuna magħżula biex twieġeb.

Għall-fatturi varjabbli li japplikaw fil-livell individwali, il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-membri attwali kollha tal-unità domestika li għandhom 16-il sena u aktar jew, jekk applikabbli, ma' kull persuna magħżula biex twieġeb.

Għall-fatturi varjabbli tat-tfal, il-metodu tal-ġbir tad-dejta huwa intervista personali mal-persuna mill-unità domestika magħżula biex twieġeb.

Fid-dawl tat-tip tal-informazzjoni li trid tinġabar, huma permessi intervisti personali biss (intervisti bi prokura huma eċċezzjoni għall-persuni li jkunu temporanjament assenti jew li ma jistgħux iwieġbu).

L-Indiċi tal-Massa tal-Ġisem (BMI) jista' jiġi kkalkulat mill-valuri tal-għoli u l-piż miġbura waqt l-intervista jew miġbura direttament mill-persuna intervistata li turi xi dokumenti. Il-valur tal-BMI biss għandu jiġi trażmess lill-Eurostat.

3. **Perijodu ta' referenza**

Il-fatturi varjabbli fil-mira huma relatati ma' tipi differenti ta' perjodi ta' referenza:

Il-perjodu ta' referenza attwali għall-fattur varjabbli BMI, is-saħħa ġenerali tat-tfal u l-limitazzjoni ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa tat-tfal;

Ġimgħa tipika għall-fatturi varjabbli relatati mal-attività fiżika;

Ġimgħa tipika fi staġun partikolari għall-frekwenza tal-konsum ta' frott u ħaxix;

L-aħħar 12-il xahar għall-varjabbli l-oħra kollha.

4. **Trażmissjoni tad-dejta**

Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni (l-Eurostat) fil-Fajl tad-Dejta dwar l-Unità Domestika (il-fajl H), fil-Fajl tar-Reġistru Personali (il-fajl R) u fil-Fajl tad-Dejta Personali (il- P), wara l-fatturi varjabbli primarji fil-mira.

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Fattur varjabbli fil-mira
	Is-saħħa
HS200	*Il-piż finanzjarju tal-kura medika* Piż Kbir Piż medju Ta' ebda piż
HS200_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (l-ebda persuna fl-unità domestika ma kellha l-ħtieġa ta' kura medika) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
HS210	*Il-piż finanzjarju tal-kura dentali* Piż Kbir Piż medju Ta' ebda piż
HS210_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (l-ebda persuna fl-unità domestika ma kellha l-ħtieġa ta' kura dentali) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
HS220	*Il-piż finanzjarju tal-mediċini* Piż Kbir Piż medju Ta' ebda piż
HS220_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (l-ebda persuna fl-unità domestika ma kellha l-ħtieġa ta' mediċini) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
PH080	*In-numru ta' żjarat għand dentist jew għand ortodontista* L-ebda 1-2 drabi 3-5 drabi 6-9 drabi 10 darbiet jew aktar
PH080_F	Mimlija Nieqsa Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Fattur varjabbli fil-mira
PH090	*In-numru ta' konsultazzjonijiet ma' tabib ġenerali jew mat-tabib tal-familja* L-ebda 1-2 drabi 3-5 drabi 6-9 drabi 10 darbiet jew aktar
PH090_F	Mimlija Nieqsa Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
PH100	*In-numru ta' konsultazzjonijiet ma' speċjalista mediku jew speċjalista kirurgu* L-ebda 1-2 drabi 3-5 drabi 6-9 drabi 10 darbiet jew aktar
PH100_F	Mimlija Nieqsa Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
PH110	*L-Indiċi tal-Massa tal-Ġisem (BMI)* In-numru tal-BMI
PH110_F	Mimlija Nieqsa Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
PH120	*It-tip ta' attività fiżika waqt ix-xogħol* L-aktar bilqiegħda L-aktar bilwieqfa L-aktar bil-mixi jew kompiti ta' sforz fiżiku moderat L-aktar xogħol tqil jew li jeħtieġ sforz fiżiku kbir
PH120_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (ma titwettaq l-ebda ħidma) Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Fattur varjabbli fil-mira
PH130	*Il-ħin mgħoddi f'attivitajiet fiżiċi (minbarra x-xogħol) f'ġimgħa tipika* SS/MM (sigħat/minuti) fil-ġimgħa
PH130_F	Mimlija Nieqsa Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
PH140	*Il-frekwenza tal-konsum ta' frott* Darbtejn jew aktar kuljum Darba kuljum Bejn 4 u 6 darbiet fil-ġimgħa Bejn 1 u 3 darbiet fil-ġimgħa Inqas minn darba fil-ġimgħa Qatt
PH140_F	Mimlija Nieqsa Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
PH150	*Il-frekwenza tal-konsum ta' ħaxix jew insalata* Darbtejn jew aktar kuljum Darba kuljum Bejn 4 u 6 darbiet fil-ġimgħa Bejn 1 u 3 darbiet fil-ġimgħa Inqas minn darba fil-ġimgħa Qatt
PH150_F	Mimlija Nieqsa Persuna differenti minn dik magħżula biex twieġeb Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
	Is-saħħa tat-tfal
RC010	*Is-saħħa ġenerali (tat-tfal)* Tajba ħafna Tajba Mhux Ħażin Ħażina Ħażina ħafna
RC010_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (tfal ta' aktar minn 15-il sena) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Fattur varjabbli fil-mira
RC020	*Il-limitazzjoni f'parteċipazzjoni ta' attivitajiet minħabba problemi tas-saħħa (tfal)* Limitata wisq Limitata iżda mhux wisq Mhux limitata, bl-ebda mod
RC020_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (tfal ta' aktar minn 15-il sena) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
HC010	*Eżamijiet jew trattamenti mediċi li kienu meħtieġa u li iżda ma sarux (tfal)* Iva (kien hemm mill-inqas okkażjoni waħda fejn mill-inqas wieħed mit-tfal ma sarlux eżami jew trattament mediku) Le (lit-tifel/tfal sarlu/sarilhom eżami jew trattament mediku kull darba li kien meħtieġ)
HC010_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (ma kien verament meħtieġ l-ebda eżami jew trattament mediku, għal ħadd mit-tfal) Mhux applikabbli (fl-unità domestika m'hemmx tfal ta' bejn 0 u 15-il sena) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
HC020	*Ir-raġuni prinċipali għalfejn ma sarux eżamijiet jew trattamenti mediċi li kienu meħtieġa (tfal)* Ma kienx hemm biżżejjed flus (għali wisq) Fuq lista ta' stennija Ma kienx hemm ħin minħabba x-xogħol, il-ħtieġa ta' kura tat-tfal jew ta' persuni oħra Kien 'il bogħod wisq jew ma kien hemm l-ebda mezz ta' trasport Raġuni oħra
HC020_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (HC010 mhux ugwali għal iva) Mhux applikabbli (fl-unità domestika m'hemmx tfal ta' bejn 0 u 15-il sena) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)
HC030	*Eżamijiet jew trattamenti dentali li kienu meħtieġa u li iżda ma sarux (tfal)* Iva (kien hemm mill-inqas okkażjoni waħda fejn mill-inqas wieħed mit-tfal ma sarlux eżami jew trattament dentali) Le (lit-tifel/tfal sarlu/sarilhom eżami jew trattament dentali kull darba li kien meħtieġ)
HC030_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (ma kien verament meħtieġ l-ebda eżami jew trattament dentali, għal ħadd mit-tfal) Mhux applikabbli (fl-unità domestika m'hemmx tfal ta' bejn 0 u 15-il sena) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)

Identifikatur tal-fattur varjabbli	Fattur varjabbli fil-mira
HC040	*Ir-raġuni prinċipali għalfejn ma sarux eżamijiet jew trattamenti dentali li kienu meħtieġa (tfal)* Ma kienx hemm biżżejjed flus (għali wisq) Fuq lista ta' stennija Ma kienx hemm ħin minħabba x-xogħol, il-ħtieġa ta' kura tat-tfal jew ta' persuni oħra Kien 'il bogħod wisq jew ma kien hemm l-ebda mezz ta' trasport Raġuni oħra
HC040_F	Mimlija Nieqsa Mhux applikabbli (HC030 mhux ugwali għal iva) Mhux applikabbli (fl-unità domestika m'hemmx tfal ta' bejn 0 u 15-il sena) Mhux applikabbli (RB010≠ 2017)